MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' April, 2013

Appell Kriminali Numru. 393/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ramon Mercieca)**
**Vs**
**Karmnu Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta’ taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (2) id-denunzja, flimkien mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta’ Awissu 2000 sat-30 ta’ Novembru 2000 dan bi ksur tal-artikolu 27, artikolu 66 u artikolu 76(c) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 27, 66 u 76(c) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' tmien mitt Euro (€800).
Il-Qorti b'applikazzjoni ta' l-artikolu 76 ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998 ordnat lill-appellant sabiex fi zmien tlett xhur jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' hmistax il-Euro (€15.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta' Ottubru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi kontra l-fatti l-Ewwel Qorti kkonkludiet kif gej :
"Id-denunzji in kwistjoni gew sottomessi fil-15 ta' Marzu, 2001 ferm wara z-zmien prefiss mil-ligi u konsegwentement ir-reat jissussisti. Illi ma gabitx prova ta' hlas ta' l-ammonti indikati fid-denunzji in ezami stante li l-ircevuti u rendikonti esebiti mill-imputat jirriferu ghal ammonti ta' perjodu qabel Marzu 2001".

Illi mix-xhieda ta' Karmnu Cachia irrizulta li d-denunzji gew kompletati bl-assistenza ta' impjegati tad-Dipartiment tal-VAT. Din ix-xhieda ma gietx kontradetta. Illi Karmnu Cachia xehed ukoll li baghat id-denunzji fil-hin.

Illi l-fatt li l-VAT office immarka li ircieva l-istess dokument f'Marzu 2001 ma jfissirx li gew presentati f'dik id-data – (hemm dokumenti ohra immarkati 15th March 2001 li jindikaw li gew kollha immarkati fl-istess gurnata).

Illi d-dipartiment ta’ VAT dam 11 il-sena biex jipprocedi kontra Cachia ghal reat allegatament kommess fis-sena 2000. Illi l-esponent jissottometti li dan huwa manifestament ingust. Illi inoltre dan ifisser li l-akkuza hi preskritta billi ghaddew ghaxar snin minn meta suppost sar l-allegat reat. Illi l-artikolu 58 ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jipprovdi li l-Kummissarju ghandu jipprocedi in konnessjoni ma’ pagamenti ta’ taxxa u penali amministrattivi fiz-zmien sitt snin minn meta tali taxxa jew penali amministrattiva tigi dovuta. Ghalhekk it-talba hi preskritta.

Illi ukoll jekk il-piena imsemmija ghal dan ir-reat mhux wahda amministrattiva izda wahda kriminali, l-kodici kriminali taht artikolu 68(e) li tghid illi :*bla hsara ta’ fejn il-ligi tiddisponi xort’ohra, l-azzjoni kriminali taqa` bi preskrizzjoni – (e) bl-eghluq ta’ sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.*

Illi ukoll jekk hemm xi artikolu iehor fil-ligi rigward preskrizzjoni ghal dan ir-reat il-Qorti obbligata bil-ligi li ssemmih skond artikolu 694 tal-Kodici Kriminali li jghid illi : *il-preskrizzjoni hija applikata mill-Qorti ex officio, u l-imputat jew akkuzat ma jistax jirrinunzja ghaliha.*

Illi ukoll bl-ebda mod ma jista` jkun li l-akkuza kontra l-intimat mhux preskritta ghax l-allegat reat mhux la wiehed permanenti u lanqas reat kontinwat. Reat permamenti hu reat li hemm infrazzjoni tal-ligi de momento – in momentum (Pulizija vs Arthur Dimech – Appell Kriminali 09-12-61) u ghalhekk il-preskrizzjoni “tal-azzjoni penali kontra l-hati ta’ dan in-nuqqas ma tibdiex, tiddekkori sakemm ir-reat ikun ghadu fi stat ta’ konsumazzjoni u sakemm il-hati ta’ dan in-nuqqas ikun ghadu fil-posizzjoni li jwaqqaf l-istat antiguridiku kreat bl-ommissjoni tieghu (Pulizija vs Angelo Spiteri – Appell Kriminali 13-05-61). F’dan il-kaz l-allegatament reat qatt ma jista` jitqies reat li ghadu fis-sehh ghax l-unika mod immaginabbli li dan ir-reat ghadu f’kontinwita hu li kieku d-denunzja qatt ma giet

prezentata. Id-dipartiment tal-VAT jallega li din id-denunzja giet fil-fatt prezentata tard fil-15 ta' Marzu 2001 u ghalhekk zgur il-preskrizzjoni bdiet ghaddejja minn dik id-data. Id-dipartiment tal-VAT ma jistax jallega li taxxa qatt ma thallset u allura hemm kontinwita ta' dan ir-reat ghax artikolu 58 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud specifikatament jghid li l-preskrizzjoni tal-pagamenti tat-taxxa hija ta' sitt snin. Finalment dan l-allegat reat qatt ma jista` jkun wiehed kontinwat peress li reat kontinwat definit f'artikolu 18 tal-Kodici Kriminali bhala diversi atti kriminali li jkun ghamel il-hati li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jigu konguntі f'reat wiehed. Id-dipartiment tal-VAT ma tellax akkuzi fuq iktar minn reat wiehed u ghalhekk ma jistax ikun hemm dan. Barra minn hekk il-ligi tghid li l-preskrizzjoni f'dan il-kaz tibda minn l-ahhar reat li sar u peress li ma sarx iktar minn reat wiehed, il-preskrizzjoni kien gia ilha tiddekkorri mill-2001 u ghalhekk il-kaz u evidentement preskritt skond il-ligi.

Illi giet totalment injorata dokument mibghuta mill-VAT office stess minn fejn jirrizulta li l-appellant kellu jipprezenta VAT returns kull sena. Jekk id-dipartiment tal-VAT informa lil Cachia li kellu jipprezenta d-denunzji darba fis-sena sas-sena 2000, l-ahhar perjodu li jaghlaq fit-30 ta' Novembru ta' dik l-istess sena, ma jaghmel l-ebda sens li jekk inbidlet il-ligi, l-imputat jimxi mad-dati l-godda jekk ma jigix infurmat b'din it-tali bidla fid-dmirijiet tieghu. Dan jimplika li jekk l-imputat baghat id-denunzji darba fis-sena u mhux darba kull 3 xhur, dan kien qed jimxi skond ma qallu l-istess Dipartiment peress li baqa` jimxi mad-dokument li d-dipartiment tal-VAT stess baghat. Il-kummissarju qatt ma indenja jerga` jibghat struzzjonijiet godda lil intimat biex jirrefletti d-dati l-godda. L-intimat qatt ma prova jevadi t-taxxa izda sempliciment mexa mad-dokument li gie mibghut mid-dipartiment tal-VAT.

Illi peress li din l-akkuza hi wahda kriminali, l-"burdon of proof" jaqa` fuq il-prosekuzzjoni u mhux fu ql-intimat. L-Ewwel Qorti injorat dan id-dover li kellu d-dipaprtiment tal-VAT. L-intimat mhux qieghed f'sitwazzjoni li jgib evidenza li baghat id-denunzja fil-hin peress li dokumenti li hu kien obbligat bil-ligi jibghat u li fil-fatt baghat, illum jinstabu

ghand id-dipartiment tal-VAT u b'hekk ma hemm l-ebda mod immaginabbli kif jista` hu jgib din il-prova. Minn naha l-ohra l-intimat l-unika provi li jista` jgib hu li hu hallas l-ammonti dovuti u li dawn l-ammonti kienu fil-fatt gew migbuda mid-dipartiment tal-VAT. Din ta' l-inqas ghandha tkun prova bizzejjed li l-intimat hallas fi zmien dak li kien dovut minn ghandu. Minn naha l-ohra d-dipartiment tal-VAT qatt ma gab prova dokumentarja li d-denunzja qatt ma ntbaghtet. Prattika kriminali tiddetta li biex l-intimat jinstab hati ta' reat kriminali trid tingieb prova li tikkonferma minghajr dubju ragjonevoli li l-intimat hu fil-fatt hati. Izda mill-evidenza provduta dan definittivament ma giex provat lanqas remotament vicin ghal dan il-livell ghax ghad baqa` dubju car peress li d-dipartiment tal-VAT ma gabx provi konkreti, li hu biss jista` jkollu li Cachia ma bahgatx id-denunzja.

Illi hu evidenti li Cachia hallas l-ammonti dovuti. Mhux hekk biss, izda l-intimat hallas hafna iktar flus milli kellu dovuti lid-dipartiment tal-VAT, fejn l-istess dipartiment sempliciment accetta dawn il-flejjes minghajr baghat risposta lil Cachia li hallas iktar milli kien dovut li ghandu dritt li jiehu dawn il-flus lura.

Illi ghalhekk Cachia sa Jannar tas-sena 2001 kien diga` hallas LM 4771.66 mentri kien obbligat li jhallas is-somma ferm inqas ta' LM3079.22. Dan ifisser li Cachia mhux talli hallas dak li kellu jaghti lid-dipartiment tal-VAT izda kien hallas ammont ferm aktar milli kien obbligat minnu. Hu qatt ma kellu l-ebda obbligazzjoni ohra lejn id-dipartiment tal-VAT hlief dan tax-xoghol u ghalhekk hu ovvja li dawn ic-cekkijiet kienu mibghuta ghall-iskop li jithallas il-VAT dovut minhabba x-xoghol li kien jaghmel.

Illi ukoll, artikolu 27(4) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jiddikjara illi jekk isir hlas lil Kummissarju tal-VAT li fic-cirkostanzi li jkun intbaghat, juri li l-hlas jirrelata ghal zmien partikolari ta' taxxa, dak il-hlas ghandu jitqies b'dak il-mod. Peress illi l-intimat ma kellu l-ebda obbligu iehor lejn id-dipartiment tal-VAT hu ovvju li hlasijiet li saru minn Cachia, saru bhala hlas ghall-unika obbligu u perjodi li kellu jhallas l-intimat.

Illi ukoll jekk id-dipartiment tal-VAT ma kienx kuntent bil-mod kif dawn il-flejjes thallsu, missu irrisponda lill-intimat u qallu li l-istess hlas ma kienx maghmul sewwa biex ghalhekk Cachia ikun jista` jirranga l-posizzjoni tieghu u jigi in konformita mal-ligi. Artikolu 1021, 1022 u 1023 jiddettaw li jekk xi hadd jircievi xi ammont ta' flus li kienux dovuti, ghandu jirritornahom lura. Peress li mhux l-irwol ta' din il-Qorti li tiddikjara li Cachia hu intitolat ghal dawn il-flus lura, izda l-fatt hu li l-intimat ghamel pagament zejjed, li d-dipartiment tal-VAT accettah, peress li kien hemm ammont minn dan l-ammont zejjed, id-Dipartiment tal-VAT kien obbligat li jirritorna dawn il-flus izda mhux talli dan ma sarx izda l-istess dipartiment akkuza lil Cachia li ma hallasx.

Illi ukoll it-tahrika u l-akkuza kontra l-intimat hi wahda hazina. L-intimat gie akkuzat taht artikolu 27, 66 u 76(c) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fejn taht artikolu 76, hemm imnizzel ir-reat u l-piena li Cachia allegatament ghamel.

Illi izda d-dipartiment tal-VAT jaf li Cachia hallas l-VAT dovut ghax accetta l-hlasijiet fil-forma ta' cheques ta' Cachia u ukoll baghat l-ircevuti ta' dan il-hlas u ukoll jaf li denunzji kienu waslu, ghalkemm l-istess dipartiment jallega li waslu tard. Artikolu 76 ma jittratta bl-ebda mod denunzji li waslu tard izda jittratta denunzji li qatt ma nbaghtu u hlas li qatt ma sar.

Illi sussegwentement, id-dipartiment tal-VAT ma kellux iharrek lil Cachia taht artikolu 76(c) izda taht artikolu 38 ta' l-istess att li jittratta specifikament denunzji tard.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud u ghalhekk kien obbligat illi sal-hmistax-il (15) jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum illi fih intemmu z-zminijiet tat-taxxa relattiva jibghat ir-returns bil-hlasijiet lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Jidher, però illi bejn il-perjodu

tal-wiehed u tletin (31) ta' Awwissu tal-elfejn (2000) sat-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) l-appellant ma ottemporax ruhu mal-ligi.

Xhedet f'din il-kawza Connie Azzopardi mil-Legal Section tal-VAT Department fejn infurmat lill-Qorti illi d-denunzji ghal dawk is-snin gew ipprezentati izda minghajr il-hlas li ghad Dipartiment ifisser li qisu ma gew ipprezentati xejn. Wara s-sentenza tal-ewwel Qorti fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tal-elfejn u hdax (2011) kien hemm korrispondenza bejn l-appellant u d-Dipartiment u saru wkoll xi cekkijiet li ma ssarfux. Però fil-hmistax (15) ta' Frar tal-elfejn u tnax (2012) sar pagament ta' elf tlett mija u hamsa u sittin ewro (€1365) u fit-tlettax (13) ta' Marzu tal-elfejn u tnax (2012) sar pagament iehor ta' elfejn erba' mija sebgha u sebghin ewro (€2477). B'hekk l-ammonti kollha dovuti lid-Dipartiment gew imhallsa u l-pozizzjoni giet sanata u regolarizzata. Irrikonoxxiet ukoll illi qabel ma bdiet din il-kawza kien hemm korrispondenza bejn id-Dipartiment u l-appellant fejn dan tal-ahhar kien qed jitlob spjegazzjoni tal-ammonti mitluba. L-appellant kien qed jinsisti illi jghid illi baghat ic-cheques. Però dawn jekk intbaghtu qatt ma waslu ghand id-Dipartiment jew jekk waslu qatt ma gew imsarrfa. Min-naha l-ohra l-appellant jghid illi r-returns ghall-elfejn u wiehed (2001) wassalhom huwa stess bic-cekk u fil-fatt m'ghandu jaghti xejn lid-Dipartiment izda huwa d-Dipartiment illi ghandu jaghti lilu.

Ikkunsidrat:

L-appellant beda l-ilment tieghu b'talba illi l-azzjoni fil-konfront tieghu tinsab preskritta peress illi d-Dipartiment dam aktar minn ghaxar (10) snin sabiex jistitwixxi l-kawza kontra l-appellant. U wkoll peress illi l-artikolu 58 tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud jipprovdi li l-Kummissarju ghandu jipprocedi n konnessjoni ma' pagamenti ta' taxxa u penali amministrattivi fi zmien sitt (6) snin minn meta tali taxxa jew penali amministrattiva tkun dovuta.

Bir-rispett il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument.  Jibda biex jinghad illi l-proceduri twalu il ghaliex kien hemm

korrispondenza bejn id-Dipartiment u l-appellant dwar l-ammont illi kellu jigi mhallas u spjegazzjonijiet ta' dawn l-ammonti. Dana jfisser, kwindi, illi kien hemm prudenza kbira da parti tad-Dipartiment tal-VAT biex ma tipprocedix mal-ewwel kontra l-appellant halli dak li jkun ikollu zmien bizzejjed sabiex jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu. Fi kwalunkwe kaz il-Qorti tirreferi ghal sentenza taghha moghtija fid-9 ta' Dicembru 2011 fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Joseph Mary Debono" fejn intqal, "Il-Qorti tirrileva però illi ghal dan il-kaz partikolari stante li si tratta ta' *lex specialis* ghandhom japplikaw it-termini tal-istess ligi u provisio tal-artikolu 23(12) tal-Kap 372 li jitkellem car u jispecifika illi z-zmien tal-preskrizzjoni m'ghandu qatt jibqa' ghaddej qabel dik il-persuna tkun osservat ghal kollox id-disposizzjonijiet tal-istess artikoli. Kwindi direttur fil-kariga jibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghal dawk is-snin kollha li jkun naqas illi jibghat ir-returns u d-dokumenti lill-istess Kummissarju u r-reat kontemplat fil-Kap 372 ghandu jitqies bhala ta' natura permanenti u jibqghu hekk sakemm id-direttur jew il-persuna koncernata tottempora ruhha mal-ligi u tibghat l-informazzjoni rikjesta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni."

Ghalhekk l-azzjoni mhiex preskritta u Dipartiment seta' jistitwixxi din il-kawza fi zmien illi ghamilha.

Ghal dak illi jirrigwarda l-mertu, l-appellant qieghed jallega illi huwa hallas l-ammonti dovuta fiz-zmien dovut. Allegazzjoni bhal din trid tigi pruvata minn min ikun ghamilha u mhux mid-Dipartiment. Huwa fuq spallejn l-appellant illi jipprova a sodisfazzjon tal-Qorti illi hu ghamel dawk il-pagamenti. Din il-prova mhiex sodisfatta bil-lista illi pprezenta fir-rikors tal-appell, liema rikors mhuwiex guramentat u lanqas ma ghandha titqies bhala prova fil-konfront tal-appellant. Din il-Qorti taghmilha cara li dikjarazzjonijiet generici ta' hlas minghajr prova konkreta ma jfissru xejn u din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni taghhom. F'dan il-kaz, però, irrizulta illi fil-mori ta' dan l-appell l-appellant hallas l-ammonti dovuta lid-Dipartiment u l-pozizzjoni giet regolarizzata. B'dan il-hlas, kwindi, hemm ammissjoni cara illi l-appellant kien moruz fil-hlas

tal-ammonti dovut lid-Dipartiment u l-ewwel Qorti ghamlet sew illi sabet htija.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi fuq il-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti dina setghet liberament u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dana però mhux il-kaz illi l-Qorti timponi l-applikazzjoni tal-artikolu 76 tal-Att numru XXIII/1998 stante illi l-appellant ikkonforma ruhu mal-ligi fil-mori ta' dan l-appell.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------